**282. Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Chris Fearne jipproponi:**

Illi wara li 1-Kumitat Permanenti dwar ix-Xoghol tal-Kamra ra l-Pjan Finanzjarju tas-Servizz Parlamentari għas-sena 2019 ippreżentat mill-Ispeaker skont l-artikolu 17 tal-Att dwar is-Servizz Parlamentari, Kap. 562, li kopja tiegħu tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra;

Wara li 1-Kumitat sema' 1-ispjegazzjoni mogħtija mill-Ispeaker personalment fuq il-kummenti kollha li sarulu fil-laqgħa tal-istess Kumitat li saret fl-10 ta' Lulju 2019;

Peress li 1-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra rrakkomanda li l-Pjan Finanzjarju għandu jiġi approvat kif imressaq; u

Wara li t-traskrizzjoni ta' din il-laqgħa ġiet iċċirkolata lill-Membri tal-Kamra tad-Deputati,

Il-Kamra tad-Deputati tapprova l-estimi għas-sena finanzjarja 2019 kif jidhru fil-Pjan Finanzjarju tas-Servizz Parlamentari għas-sena 2019 kif ippreżentat.

30 ta' Ottubru 2019